IL-KUMMISSJONI EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 24.6.2013
JOIN(2013) 22 final

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

# LEJN STRATEĠIJA KOMPRENSIVA TAL-UE GĦALL-KRIŻI SIRJANA

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

# LEJN STRATEĠIJA KOMPRENSIVA TAL-UE GĦALL-KRIŻI SIRJANA

## INTRODUZZJONI

Il-pass tad-deterjorazzjoni tal-kunflitt fis-Sirja f'dawn l-aħħar xhur hija tali li ħolqot katastrofi umanitarji li qed tinfirex mar-reġjun kollu. B'żieda mat-tbatija umana kkawżata, dan il-kunflitt mhux biss qed ikisser is-soċjetà tradizzjonali Sirjana iżda wkoll qed jipperikola serjament l-istabbiltà tal-pajjiżi ġirien, il-Libanu u l-Ġordan b'mod partikolari, bl-ebda prospett ta' tmiem viżibbli immedjat.

Din il-Komunikazzjoni Konġunta tipproponi strateġija komprensiva tal-Unjoni Ewropea (UE) bħala reazzjoni għall-kunflitt u l-konsegwenzi tiegħu kemm fis-Sirja kif ukoll fil-pajjiżi ġirien tagħha.

Sa mill-bidu tal-kunflitt, konna xhieda ta' tnaqqis drammatiku tas-sigurtà tal-bniedem, b'aktar minn 93 000 mejta u 1,6 miljun rifuġjat minn Ġunju 2013. Stimi konservattivi jindikaw li 6,8 miljun ruħ jeħtieġu l-għajnuna, 4,25 miljun huma spustjati internament (IDPs), u l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) jipprevedi l-possibbiltà ta' 3,45 miljun rifuġjat sa tmiem din is-sena. Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja wkoll marret lura b'mod drammatiku. Fir-rapport tagħha ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta tan-NU dwar is-Sirja (CoI) tikkundanna l-livelli ġodda ta' brutalità tal-kunflitt, u qed tippreżenta dokumenti għall-ewwel darba, dwar l-impożizzjoni sistematika tal-assedji, l-użu ta' aġenti kimiċi u l-ispostamenti bil-forza. Is-CoI tfakkar li l-forzi tal-Gvern u l-milizja affiljata kkommettew delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi umanitarja internazzjonali. Hemm ukoll evidenza li gruppi armati kontra l-Gvern ikkommettew reati tal-gwerra u abbużi serji oħra, għalkemm mhux tal-istess intensità u skala daqs dawk imwettqa mill-awtoritajiet Sirjani. Is-Segretarju Ġenerali tan-NU rrapporta lill-Kunsill tas-Sigurtà f'Ġunju 2013 li kemm l-Armata Sirjana Ħielsa (li allegatament tirrekluta suldati tfal) kif ukoll il-forzi tal-Gvern, inklużi l-Forzi Armati Sirjani, is-servizzi ta' intelliġenza u l-milizja tar-reġim kienu involuti fi vjolazzjonijiet serji kontra t-tfal.

l-ewwel prijorità tal-Unjoni Ewropea hija li tippromwovi soluzzjoni politika bl-għan li ttemm il-vjolenza. Hekk kif is-Sirja tidħol fit-tielet sena tagħha ta' kriżi, u minkejja xi progress li sar fuq l-art mill-forzi tal-Gvern tas-Sirja, hemm possibiltà qawwija ta' kunflitt dewwiemi, bl-ebda naħa kapaċi li tasserixxi superjorità militari konkluživa. Sa issa, kien hemm ftit progress biex jintlaħaq kunsens fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU). Madankollu, il-ftehim reċenti bejn is-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti Kerry u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin Russu Lavrov biex jerġgħu jiftħu n-negozjati fuq il-bażi tal-Komunikat ta' Ġinevra tal-2012 u jorganizzaw konferenza tal-paċi internazzjonali dwar is-Sirja ("Ġinevra II") ta impetu ġdid għall-proċess politiku.

B'mod parallel mal-isforzi fuq il-front politiku, l-UE mmobilizzat l-istrumenti kollha tagħha biex tikkontribwixxi għal rispons internazzjonali usa'. L-UE hija għalhekk l-akbar donatur ta' għajnuna umanitarja. Sal-lum, EUR 678 miljun f'assistenza umanitarja ngħataw mill-Istati

Membri u mill-baġit tal-UE. Barra minn hekk, l-UE mmobilizzat EUR 175 miljun minn strumenti oħra tal-baġit mhux umanitarja. Fi ftit kliem, ir-reazzjoni totali għall-kriżi diġà laħqet aktar minn EUR 850 miljun. Madankollu, anki din is-somma sostanzjali mhijiex biżżejjed biex tlaħħaq mal-ħtiġijiet umanitarji massivi u li qed jiżdiedu.

L-isfida ewlenija li qed taffronta l-UE fit-twassil tal-għajnuna hija l-ambjent perikoluż u kumpless fejn il-liġi umanitarja internazzjonali qed tiġi wisq ta' spiss injorata. Skont il-prinċipji umanitarji, l-UE taħdem mal-partijiet interessati kollha fil-kunflitt, waqt li tibni rabtiet aktar mill-qrib mal-komunitajiet lokali u l-kunsilli lokali tagħhom jgħinu f'li jintlaħqu l-ħtiġijiet bażiċi bħall-assistenza medika, is-sigurtà tal-ikel, l-elettriku, l-ilma u servizzi oħra. Din l-assistenza għandha tiġi pprovduta permezz tal-kanali kollha possibbli biex ikun assigurat aċċess effiċjenti.

Il-konsegwenzi dejjem aktar imprevedibbli u destabbilizzanti tal-kunflitt fis-Sirja qed jinħassu lil hinn mill-fruntieri tas-Sirja. Il-Libanu u l-Ġordan, li kienu diġà qed jaffaċċjaw sfidi sostanzjali qabel ma faqqgħet il-kriżi, issa qed iħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjoni bla preċedent li thedded l-istabbiltà interna tagħhom. It-Turkija u l-Iraq ukoll qed iħabbtu wiċċhom ma' problemi politiċi potenzjali relatati direttament mal-affiljazzjoni politika, etnika, u reliġjuża tar-rifuġjati, minkejja l-fatt li l-kapaċità ta' assorbiment soċjoekonomika relattiva tagħhom hija ogħla minn dik tal-Libanu u l-Ġordan.

L-iżviluppi drammatiċi u l-ħtiġijiet li qed jiżdiedu b'ritmu mgħaġġel, isejħu għal azzjoni urġenti u komprensiva ta' rispons xieraq għall-isfidi. Dan il-pakkett ta' rispons għandu jġib flimkien il-politiki u l-istrumenti tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet umanitarji immedjati f'manjiera komprensiva u koordinata, biex titrażżan u tkun riżolta l-kriżi tas-Sirja, u jkun promoss l-aċċess għall-ġustizzja u r-responsabbiltà, biex tiġi ppreservata l-istabbiltà tal-pajjiżi ġirien u biex jitwasslu sforzi internazzjonali ta' rikostruzzjoni fuq perjodu ta' żmien itwal, ladarba tkun instabet paċi dejjiema.

L-UE tinsab f'qagħda tajba biex tagħti kontribut deċiżiv billi tista' tibni i) fuq is-saħħa tar-relazzjonijiet politiċi tagħha u t-trazzjoni mad-diversi partijiet interessati, li ħafna minnhom jistennew rwol b'saħħtu tal-UE; ii) il-kapaċità tagħha li tiffaċilita l-koordinazzjoni u ; iii) l-esperjenza tagħha mhux biss fit-twassil tal-assistenza umanitarja iżda wkoll f'li tittratta kwistjonijiet ta' sigurtà kif ukoll il-fażijiet ta' rikostruzzjoni wara kunflitt.

Din il-Komunikazzjoni Konġunta tipproponi l-elementi ewlenin ta' rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi, filwaqt li tenfasizza l-azzjonijiet u l-inizjattivi diġà meħuda sa issa mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni Ewropea.

## 1. REAZZJONI KOMPRENSIVA TAL-UE

Reazzjoni komprensiva tal-UE għandu jkollha l-għan li a) tappoġġa soluzzjoni politika li twassal għal soluzzjoni sostenibbli għall-kriżi, b) tevita d-destabilizzazzjoni reġjonali mit-tixrid tal-kunflitt lejn il-pajjiżi ġirien; c) tindirizza l-qagħda umanitarja drammatika biex tassisti l-popolazzjoni affettwata; d) tindirizza l-konsegwenzi tal-kunfltt fuq u fl-UE.

Dak li biħsiebna nagħmlu:

- Nappoġġaw soluzzjoni politika permezz ta' pożizzjoni tal-UE robusta fil-konferenza internazzjonali "Ġinevra II" li ġejja.
- Naħdmu mal-oppożizzjoni biex tieħu sehem fil-Konferenza "Ġinevra II" u tkun rrappreżentata minn interlokuturi leġittimi li jistgħu jidħlu għall-impenji.
- Aktar ħidma biex ikun żgurat l-aċċess għall-assistenza umanitarja għaż-żoni kollha milquta mill-kunflitti.
- L-iżvilupp ta' aktar eżenzjonijiet fis-sistema ta' sanzjonijiet biex jipprovdu appoġġ għall-poplu Sirjan.
- Żieda fl-assistenza finanzjarja tal-baġit tal-UE b'EUR 400 miljun fl-2013 biex ikoprju l-ħtiġijiet prijoritarji min-naħa tal-poplu milqut fis-Sirja u r-reġjun.
- Żieda fl-appoġġ għal komunitajiet li jospitaw fil-pajjiżi ġirien tas-Sirja, sabiex jappoġġjaw u jtejbu l-kapaċità tagħhom li jittrattaw mar-rifuġjati.
- Jibqgħu jitħeġġu n-Nazzjonijiet Uniti biex jittrattaw l-allegazzjonijiet ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet umanitarji internazzjonali u l-libertajiet fundamentali.
- L-inkoraġġiment tas-solidarjetà ma' persuni partikolarment vulnerabbli li jista' jkollhom bżonn ta' risistemazzjoni.
- Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini tal-UE u t-trattament mal-"ġellieda barranin" tal-UE li vvjaġġjaw fiż-żona ta kunflitt.
- It-tħejjija għall-fażi ta' rikostruzzjoni u riabilitazzjoni wara l-gwerra.

### 1.1 Ħidma fuq ftehim politiku fir-rigward tal-kunflitt

**L-ewwel prijorità tal-UE għandha tkun li tappoġġa soluzzjoni politika għall-kunflitt** li twassal għal tranżizzjoni lejn proċess demokratiku, filwaqt li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni umanitarja kritika. L-UE għandha tappoġġja l-isforzi kollha biex jiġi żgurat li proċess bħal dan ma jiġix dominat minn atturi li jippruvaw isegwu miri settarji.

L-UE għandha tkompli **tappoġġa b'mod attiv l-isforzi tal-Istati Uniti u r-Russja biex jerġgħu jitqajmu negozjati politiċi** abbażi tal-Komunikat ta' Ġinevra ta' Ġunju 2012. Ir-Rappreżentant Għoli diġà indikat l-appoġġ qawwi tagħha għal dawn l-isforzi. L-UE għandha wkoll tkun lesta li tipprovdi kwalunkwe appoġġ lir-Rappreżentant Speċjali Konġunt tal-Lega tal-Istati Għarab-NU f'dan ir-rigward. Bil-ħsieb ta' possibbiltà ta' konferenza "Ġinevra II", l-UE għandha tħejji kontribut sostanzjali u **tiżgura pożizzjoni tal-UE robusta.**

Fil-qafas tal-preparazzjoni għall-konferenza futura, l-UE għandha taħdem mill-qrib mal-Istati Uniti u mar-Russja lejn kondizzjonijiet li jwasslu għal ftehim politiku mmexxi mis-Sirjani. Dan ikun l-ewwel jeħtieġ li jitfittex approċċ komuni mir-rappreżentanti taż-żewġ naħat, li jridu jkunu interlokuturi leġittimi li jistgħu jagħmlu l-impenji. L-UE għandha tinkoraġġixxi ż-żewġ partijiet, permezz tal-mezzi disponibbli, biex jieħdu sehem fin-negozjati fil-konferenza dwar il-paċi. L-UE tinsab lesta li tgħin lill-komponenti differenti tal-Koalizzjoni Nazzjonali għall-Forzi Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni Sirjana (SOC) fit-tħejjija tal-Konferenza.

L-UE għandha tkompli l-impenn tagħha mal-SOC, filwaqt li tibqa' miftuħa għall-kooperazzjoni ma' gruppi moderati oħra, u tgħinhom biex ikunu jistgħu jikkostitwixxu lilhom

infushom bħala interlokuturi kredibbli. Fl-appoġġ tagħha għall-SOC, l-UE għandha tħeġġeġ iktar l-inklussività u tiżgura li d-drittijiet tal-bniedem jiġu rispettati.

Fil-qafas tal-konferenza dwar il-paċi fis-Sirja, l-UE għandha tiżviluppa miżuri għall-bini tal-fiduċja li għandhom jiġu implimentati progressivament bil-ħsieb li jippromwovu: l-aċċess għall-għajnuna umanitarja u l-aċċess mingħajr xkiel għall-ħaddiema umanitarji; ir-rispett għal-liġi umanitarja internazzjonali; ir-rilaxx tal-priġunieri politiċi; ir-ritorn tal-osservaturi tan-NU u l-implimentazzjoni gradwali ta' waqfien mill-ġlied.

F'koordinazzjoni mal-Istati Uniti u mar-Russja, l-UE għandha tkompli l-ħidma diplomatika kemm mal-Membri tal-KSNU kif ukoll ma' pajjiżi ewlenin oħra fuq iż-żewġ naħat tal-kunflitt, partikolarment mat-Turkija, l-Arabja Sawdija, il-Qatar, l-Eġittu, l-Iraq, il-Ġordan, u l-Iran.

### 1.2 L-involviment tal-pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi

L-interlokuturi prinċipali jinkludu l-Istati Uniti, ir-Russja, it-Turkija, l-Arabja Sawdija, il-Qatar, l-Eġittu, il-Kunsill dwar il-Kooperazzjoni fil-Golf u l-Lega Għarbija. Ir-rwol tal-Iran bħala parti mill-bini tal-ekwazzjoni politiku u militari se jkollu jiġi rikonoxxut u indirizzat.

Il-mexxejja Lebaniżi impenjaw ruħhom f'politika ta' dissoċjazzjoni f'Ġunju 2012 fid-Dikjarazzjoni ta' Baabda, li ġiet aċċettata mill-forzi politiċi ewlenin kollha. Madankollu, l-involviment akbar tal-Hesbollah fis-Sirja, allegatament biex jiddefendu l-poplu Libaniż u l-postijiet sagri, kif ukoll il-provvisti tal-armi u l-ġellieda tal-oppożizzjoni Sirjana mil-Libanu jiksru l-politika uffiċjali ta' dissoċjazzjoni. Xi gruppi tal-oppożizzjoni Sirjana u l-Hezbollah saħħew ir-retorika tagħhom fost għadd dejjem akbar ta' inċidenti transfruntiera. L-UE ddenunzjat il-vjolazzjonijiet fit-territorju Lebaniż fil-kunflitt tas-Sirja u se ssaħħaħ il-messaġġ li l-Libanu kollu għandu jibqa' jsegwi u jirrispetta l-politika ta' dissoċjazzjoni. Barra minn hekk, l-UE se tesplora l-possibbiltajiet biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-istrutturi ta' sigurtà tal-Istat tal-Libanu bħala mezz biex titjieb l-istabbiltà fil-Libanu u l-istabbiltà tar-reġjun kollu kemm hu.

Il-pajjiżi tal-Golf u t-Turkija huma msieħba importanti biex jgħinu sabiex tinstab soluzzjoni dejjiema. L-UE se tkompli timpenja ruħha attivament ma' dawn l-imsieħba, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa ta' valutazzjoni bir-reqqa ta' kwalunkwe involviment fil-kunflitt u l-konsegwenzi tiegħu, inkluż fir-rigward ta' dawk li huma d-destinatarji finali tal-appoġġ militari u l-politika tagħhom. L-UE se tenfasizza wkoll l-urġenza li tappoġġa l-isforzi attwali lejn il-qawmien mill-ġdid tal-proċess ta' Ġinevra u l-esplojtazzjoni tal-mezzi disponibbli għat-twassil ta' għajnuna mhux militari.

Flimkien mal-imsieħba kollha u l-interlokuturi, l-UE se tkompli tenfasizza l-ħtieġa urġenti għal proċess politiku u n-negozjati bl-għan li jintemm il-kunflitt malajr u li tiġi llimitata kwalunkwe firxa reġjonali.

### 1.3 Ġustizzja u responsabbiltà

Sa mill-bidu tal-kriżi, l-UE involviet ruħha f'fora multilaterali sabiex jiġi żgurat li l-vjolazzjonijiet sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem li għaddejjin bħalissa, id-dritt umanitarju internazzjonali u l-libertajiet fundamentali jiġu indirizzati. L-UE qed tassumi rwol ewlieni, permezz ta' ħidma mill-qrib mal-Istati tar-reġjun, fil-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti sabiex tlaqqa' tliet Sessjonijiet Speċjali dwar is-Sirja u biex titwaqqaf Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tan-NU.

L-UE għandha tiżgura li t-tħassib tagħha dwar il-vjolazzjonijiet mifruxa tad-drittijiet tal-bniedem jiġu indirizzati bħala parti integrali mill-proċess biex jintemm il-konflitt. L-aktar elementi importanti fil-promozzjoni tal-Komunikat ta' Ġinevra, l-impenn għal responsabilità u

r-rikonċiljazzjoni nazzjonali għandu jiġi enfasizzat, speċjalment il-ħtieġa għal pakkett komprensiv għall-ġustizzja tranżizzjonali, inkluż kumpens jew riabilitazzjoni għall-vittmi tal-kunflitt kif ukoll passi lejn ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali. L-UE għandha wkoll tfakkar il-ħtieġa li jittieħdu passi effettivi biex jiġi żgurat li l-gruppi vulnerabbli jkunu mħarsa, sabiex jiġu evitati aktar vjolazzjonijiet.

Il-pożizzjoni tal-UE għandha tkun li, jekk it-tħassib dwar id-delitti tal-gwerra u d-delitti kontra l-umanità ma jiġix indirizzat kif xieraq fuq livell nazzjonali, il-Qorti Kriminali Internazzjonali għandha tieħdu ħsieb is-sitwazzjoni. Billi l-KSNU jista' jirreferi s-sitwazzjoni fis-Sirja lill-Qorti Kriminali Internazzjonali fi kwalunkwe ħin, l-UE għandha tkompli titlob lill-KSNU biex jindirizza b'mod urġenti s-sitwazzjoni fis-Sirja fl-aspetti kollha, inkluż fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

Filwaqt li titqies l-importanza tad-dokumentazzjoni tal-ksur tal-ligi li qed iseħħ fuq l-art, inkluż l-użu possibbli ta' aġenti kimiċi u l-armi u l-importanza ta' dan biex tkun żgurata r-responsabbiltà effettiva ta' min qed iwettaq ir-reati, l-UE għandha tkompli tappoġġja l-Kummissjoni ta' inkjesta. Għandha wkoll ittenni l-appelli tagħha lill-awtoritajiet Sirjani biex jikkoperaw bis-sħiħ mal-Kummissjoni ta' Inkjesta, inkluż billi jagħtuha aċċess sħiħ, immedjat u ħieles fit-territorju tas-Sirja. F'żoni kkontrollati mill-oppożizzjoni, il-Kummissjoni ta' Inkjesta għandha wkoll titħalla twettaq ħidmietha mingħajr xkiel.

## 1.4. Sanzjonijiet

L-UE bdiet l-introduzzjoni ta' eżenzjonijiet mir-reġim ta' sanzjonijiet tagħha biex issostni l-oppożizzjoni u l-poplu Sirjan. F'dan l-ispirtu, l-eżenzjonijiet li għandhom jingħataw mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri ġew introdotti għal miżuri ekonomiċi fis-setturi taż-żejt, tal-gass u fis-setturi bankarji. L-SOC se tiġi kkonsultata matul il-proċess ta' awtorizzazzjoni. L-eżenzjonijiet għandhom jgħinu lill-poplu ċivili Sirjan, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ilħuq tat-tħassib umanitarju, biex tiddefendi s-servizzi bażiċi, ir-rikostruzzjoni, ir-restawrar tal-attività ekonomika normali jew għanijiet ċivili oħrajn. Bħalissa għaddejja ħidma biex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti u biex jiġu identifikati iktar eżenzjonijiet possibbli għall-benefiċċju tal-poplu Sirjan. Mill-1 ta' Ġunju, il-possibbiltà ta' kunsinna ta' armi lejn is-Sirja se tkun soġġetta għal politiki nazzjonali taħt kundizzjonijiet stretti kif definit fid-Dikjarazzjoni tal-Kunsill adottata fis-27 ta' Mejju. Kwalunkwe tip ieħor ta' assistenza għandu jirrispetta l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-FAC u l-qafas eżistenti tal-UE (il-Pożizzjoni Komuni dwar il-kontroll fuq l-esportazzjonijiet tal-armi).

## 1.5. Theddid kimiku u bijoloġiku

Hemm tħassib li qed jiżdied fir-rigward ta' rapporti dwar l-użu ta' armi kimiċi u bijoloġiċi fis-Sirja. L-UE se tkompli ssus għal spetturi tan-NU biex jitħallew jidħlu fil-pajjiż biex jinvestigaw l-allegazzjonijiet kollha ta' dan it-tip. Sabiex jiġu evitati dawn l-avvenimenti devastanti b'konsegwenzi potenzjalment fatali tal-popolazzjoni fir-reġjun, u biex jiġu skoperti u biex wieħed jrreaġixxi għalihom, l-UE bħalissa qed teżamina għażliet possibbli għal aktar koordinazzjoni u kooperazzjoni li jistgħu jiġu esplorati mal-Istati Membri tal-UE, mal-korpi internazzjonali rilevanti (l-OCHA, l-ICRC, il-WHO, l-INTERPOL u l-OPCW) u mal-imsieħba strateġiċi.

Il-kuntatti reċenti mal-amministrazzjoni tal-Istati Uniti li għandhom l-għan li jżidu l-koordinazzjoni tal-UE/US fiż-żona CBRN (ta' materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari), notevolment dwar l-appoġġ speċifiku lill-Ġordan, huma żviluppi pożittivi u juru l-benefiċċju ta' kooperazzjoni msaħħa f'dan il-qasam.

L-UE se tkompli tħeġġeġ lis-Sirja biex taderixxi mal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi u biex tirratifika l-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi bħala kwistjoni ta' urġenza. L-UE tfakkar li

kull użu ta' armi kimiċi minn kwalunkwe persuna tkun xi tkun iċ-ċirkostanza hija reprensibbli u tmur kompletament kontra n-normi u l-istandards legali tal-komunità internazzjonali. L-awtoritajiet Sirjani għandhom responsabbiltà partikolari li jiżguraw li l-armi kimiċi tagħhom jiġu maħżuna b'mod sikur sakemm il-qerda tagħhom ma tkunx għadha ġiet ivverifikata b'mod indipendenti u li dawn ma jkunux permessi li jaqgħu f'idejn kwalunkwe Stat ieħor jew attur mhux statali.

### 1.6. Intensifikar tal-assistenza

Il-Kummissjoni qed **timmobilizza ammont addizzjonali ta' EUR 400 miljun fl-2013** f'assistenza umanitarja u assistenza oħra ekonomika u għall-iżvilupp biex tindirizza l-ħtiġijiet urġenti u l-konsegwenzi tal-kriżi fis-Sirja u l-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari fil-Libanu u l-Ġordan. Għal dan, se tislet mir-riżervi u r-riallokazzjonijiet eżistenti ta' fondi għall-assistenza esterna. Il-pajjiżi fir-reġjun jeħtieġu assistenza umanitarja, assistenza ta' rispons għall-kriżijiet, u ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp biex jgħinu lir-rifuġjati u lil persuni oħra li jeħtieġu l-ħarsien, lill-popolazzjonijiet ospitanti, u biex jappoġġaw is-saħħa u s-sistemi edukattivi li jinsabu f'punt tat-tkissir.

Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-aġenziji tan-NU, lill-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lil donaturi oħra biex jipprijoritizzaw l-operazzjonijiet ta' sokkors, biex jimmiraw lejn l-aktar vulnerabbli, u jsaħħu l-koordinazzjoni biex jiġi massimizzat l-użu tal-fondi disponibbli. Il-ħolqien ta' Fond Fiduċjarju tal-UE għas-Sirja jista' jiġi previst fi stadju aktar tard bħala mezz biex jitqawwew u jiġu kkoordinati l-kontribuzzjonijiet mid-donaturi kollha tal-UE u donaturi interessati oħra.

Se jsir ull sforz biex jiġi assigurat li l-ippjanar u l-implimentazzjoni tar-rispons tal-UE jżomm ruħu aġġornat mal-avvenimenti li jseħħu fil-post. Dan jinkludi reviżjoni tal-istrumenti kollha ta' assistenza esterna, l-użu ta' proċeduri rapidi għall-kriżijiet għall-assistenza ekonomika u għall-iżvilupp (mhux umanitarja) fl-aktar pajjiżi ġirien milquta kif ukoll il-possibbiltà ta' appoġġ makroekonomiku.

Il-Kummissjoni diġà pproponiet li tagħti assistenza makrofinanzjarja tal-UE sa EUR 180 miljun lill-Ġordan. Hija se tikkunsidra wkoll li timmobilizza strumenti oħrajn tal-UE, flimkien ma' operazzjonijiet li huma diġà ppjanati.

Matul l-aħħar ħames snin, 344 student Sirjan u persunal akkademiku bbenefikaw mill-Iskema Mundus tal-Erasmus tal-UE; Barra minn hekk, 21 student Sirjan (inklużi studenti spostati) ingħataw boroż ta' studju sa issa fl-2013 u madwar 40 għandhom jirċievu boroż ta' studju ġodda fis-sena akkademika 2013-14. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinstabu soluzzjonijiet adegwati għal dawn l-istudenti fi tmiem il-boroż ta' studju tagħhom, b'mod partikolari biex jiġi evitat xenarju li jkunu sfurzati li jirritornaw lejn is-Sirja. Il-Kummissjoni se tkompli **toffri boroż ta' studju lil studenti Sirjani** li joriġinaw mill-popolazzjoni tar-rifuġjati, u ssib modi biex jiżdiedu l-għadd tagħhom.

L-UE tikkonferma l-prinċipju tar-rispett u l-ħarsien tal-wirt kulturali dinji u tesprimi l-preokkupazzjoni kbira tagħha dwar il-ħsara li saret lil oġġetti kulturali, siti arkeoloġiċi, u monumenti ta' valur storiku insostitwibbli fis-Sirja.

L-UE se żżid ukoll id-diplomazija pubblika tagħha mal-pajjiżi fir-reġjun u mas-sħab internazzjonali kif ukoll mal-pubbliku ġenerali biex tikkomunika b'mod adegwat dwar ir-reazzjoni tal-UE għall-kriżi Sirjana u biex tgħin f'li tiżgura li donaturi oħra jwettqu l-impenji tagħhom u l-wegħdiet ta' finanzjament.

## 1.7. Kura għal persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali

Mill-bidu tal-kriżi f'April 2011 sa tmiem l-2012, madwar 32 000 persuni li jallegaw li huma ċittadini Sirjani applikaw għal protezzjoni fl-UE, b'madwar 7 500 oħra fl-2013 sa issa. Bħalissa, jidher li hemm qbil ġenerali li Sirjani preżenti fl-UE ma għandhomx jintbagħtu lura lejn is-Sirja, irrispettivament mill-istatus ġuridiku tagħhom. Reċentement, il-Kummissarju Għoli għar-rifuġjati sejħet, f'ittra indirizzata lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, għall-ammissjoni umanitarja ta' 10 000 Sirjan rifuġjat minn pajjiżi fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq għar-risistemazzjoni ta' 2 000 ċittadin Sirjan ieħor, partikolarment rifuġjati vulnerabbli, inklużi każijiet mediċi serji u persuni b'diżabbiltà. Il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Istati Membri biex **jirreaġixxu pożittivament għal din is-sejħa billi jagħmlu disponibbli postijiet ta' ammissjoni umanitarji jew ta' risistemazzjoni għal dawn il-persuni.** Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex **jadottaw attitudni ġeneruża lejn l-għoti ta' viżi umanitarji lil persuni spustjati minħabba l-kriżi tas-Sirja** li għandhom membri tal-familja preżenti fl-UE, u wkoll biex idaħħlu kull Sirjan li jasal fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. Bħalissa, 11-il pajjiż li huma parti miż-żona Schengen jimponu fuq iċ-ċittadini Sirjani viżi għal tranżitu fl-ajruport. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi attwali, il-Kummissjoni tqis li mhux xieraq li s-Sirja tiżdied fil-lista komuni ta' pajjiżi suġġetti għar-rekwiżit ta' viża għal tranżitu fl-arjuporti kif mitlub minn ċerti Stati Membri fil-qafas tar-reviżjoni rikorrenti annwali tar-rekwiżiti ta' viża għal tranżitu fl-ajruport nazzjonali.

Barra minn hekk, iggwidata mill-valutazzjoni tal-UNHCR dwar is-sitwazzjoni attwali, il-Kummissjoni hija lesta li tikkunsidra li tieħu aktar passi li jistgħu jkunu meħtieġa biex ittaffi l-piż minħabba l-għadd dejjem jiżdied ta' rifuġjati li qed jiġu ospitati fil-pajjiżi ġirien tas-Sirja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tistabbilixxi Programm ta' Protezzjoni Reġjonali, li għandu jkun operattiv sal-aħħar tal-2013, immirat lejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fit-tul tal-pajjiżi ġirien tas-Sirja biex jgħinhom jittrattaw mar-rifuġjati f'konformità mal-istandards internazzjonali. Il-programm, b'total ta' baġit kurrenti ta' aktar minn EUR 13,2 miljun — li minnhom EUR 10 miljun mill-baġit tal-UE u l-bqija ta' EUR 3,2 miljun minn dawk l-Istati Membri li beħsiebhom jipparteċipaw — se jinkludi kemm komponent ta' protezzjoni qawwija, bħalma huma r-reġistrazzjoni, il-bini u l-promozzjoni tal-kapaċità amministrattiva, kif ukoll azzjonijiet għall-benefiċċju dirett ta' rifuġjati, pereżempju t-titjib tal-aċċess għal ċerti drittijiet soċjoekonomiċi bħall-edukazzjoni jew il-kura tas-saħħa. L-ambitu preċiż tiegħu se jiddependi fuq ir-rieda tal-pajjiżi ospitanti ġirien tas-Sirja biex jimpenjaw ruħhom f'ċerti azzjonijiet.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni beħsiebha tkompli — flimkien mal-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil — id-diskussjonijiet mal-Istati Membri dwar is-sitwazzjoni tas-Sirjani fl-UE, bil-ħsieb li jiġi żgurat **grad ogħla ta' konverġenza bejn l-approċċi tal-Istati Membri għat-trattament ta' Sirjani li qed ifittxu l-ażil**, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għall-ażil.

## 1.8. Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u t-trattament mal-"ġellieda barranin"

L-UE għandha tibqa' viġilanti fir-rigward tal-possibbiltà tat-theddida li ċittadini tal-UE li jivvjaġġaw lejn is-Sirja bħala ġellieda barranin jistgħu jikkawżaw għas-sigurtà tal-UE. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja l-azzjonijiet li jkollhom l-għan li jiskoraġġixxu lin-nies milli jsiru radikali u milli joħorġu mill-UE biex imorru lejn is-Sirja bħala ġellieda barranin billi żżid l-inizjattivi ta' kontrodiskors u billi toffri assistenza lill-Istati Membri fir-rigward tal-possibbiltà tat-theddida li l-persuni rimpatrijati jistgħu jġibu magħhom. Dan se jsir f'rabta

mal-ħidma mibdija mill-Kummissjoni fil-qafas tan-Netwerk dwar is-Sensibilizzazzjoni tar-Radikalizzazzjoni tal-UE, li jaħdem fuq azzjonijiet immirati lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni għal monitoraġġ aħjar tal-moviment tal-ġellieda barranin. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem ukoll mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill lejn l-adozzjoni ta' proposta għal Direttiva dwar Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri tal-UE (PNR), billi l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR jipprovdi għodda biex jinkixef il-moviment ta' ġellieda barranin li jitilqu jew li jiritornaw lejn l-UE permezz tal-ivvjaġġar bl-ajru. Barra minn hekk, jista' jkun hemm aktar użu ta' strumenti tal-UE kif ukoll għodod disponibbli skont ftehimiet internazzjonali bħall-Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP) — biex jiġu traċċati pagamenti relatati ma' movimenti terroristiċi. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tkompli tiffaċilita l-eżerċizzju tal-analiżi tar-riskju li l-għan tiegħu huwa li jidentifika r-riskji kbar ta' sigurtà għall-UE ġejjin miż-żieda tal-fenomenu tal-ġellieda barranin u li jappoġġja l-identifikazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni possibbli. Dan se jsir f'assoċjazzjoni maċ-Ċentru ta' Analiżi tal-Intelliġenza tal-UE (IntCen), mal-Europol u mal-Frontex.

Il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni li sar fis-7 ta' Ġunju 2013, fuq il-bażi ta' rapport mill-Koordinatur tal-UE ta' Kontra t-Terroriżmu, qabel li jieħu azzjoni konġunta biex tgħin fl-indirizzar ta' din it-theddida. Dan jista' jinkludi l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki; l-impenn ta' analiżi iktar profonda tal-motivazzjoni tal-ġellieda barranin; impenn aktar qawwi ma' pajjiżi terzi; użu mtejjeb u koordinazzjoni tal-istrumenti, in-netwerks u l-aġenziji eżistenti.

## 1.9. Ippjanar għall-futur u titjib tal-koordinazzjoni

L-UE bdiet tippjana għall-perjodu ta' wara l-konflitt li jinkludi, iżda mhuwiex limitat għal, impenn fl-oqsma tal-paċi u s-sigurtà, ir-rikostruzzjoni u r-riabilitazzjoni, l-elezzjonijiet, il-ġustizzja u l-istat tad-dritt u kwistjonijiet umanitarji.

Il-ħtiġijiet se jkunu bbażati jew fuq stimi tan-NU jew possibbilment fuq Valutazzjoni tal-Ħtiġijiet ta' Wara l-Kunflitt (VĦWK). Bl-użu ta' immaġni satellitari, il-Kummissjoni diġà qed twettaq valutazzjoni tad-dannu biex jiġu stmati l-ispejjeż ta' rikostruzzjoni potenzjali, u l-indikazzjonijiet preliminari huma li hemm danni estensivi fiż-żoni l-aktar milquta mill-kunflitti, notevolment f'Aleppo. L-eżerċizzju qed iseħħ fil-kuntest ta' grupp ta' donaturi ewlenin għas-Sirja u qed isir b'mod konġunt mal-Istati Uniti u mal-Ġappun. Barra minn hekk fl-2014 u wara din id-data, l-UE hija lesta li timmobilizza aktar assistenza (kemm umanitarja kif ukoll mhux umanitarja) kemm jekk it-tranżizzjoni sseħħ fl-2013 kif ukoll jekk il-kriżi tkompli.

Sabiex jikkoordinaw l-isforz tal-assistenza matul il-kriżi u biex jippermettu lill-UE li jkollha rwol iktar prominenti u attiv, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli pproponew li s-segwitu jkun iggwidat u mmonitorjat permezz ta' Grupp EEAS tas-Servizzi tal-Kummissjoni li se jissorvelja u jikkoordina l-attivitajiet tal-UE. Fl-istess ħin, l-UE biħsiebha wkoll issaħħaħ ir-rwol tal-koordinazzjoni tad-donaturi dwar l-assistenza ekonomika u l-assistenza għall-iżvilupp tas-Sirja iżda wkoll għal-Libanu u l-Ġordan b'mod partikolari billi ż-żewġ pajjiżi huma l-aktar affettwati ekonomikament mill-kriżi Sirjana, u biex jaġixxu bħala pont bejn id-donaturi ewlenin, in-NU u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali għat-tranżizzjoni tal-ippjanar, billi kollha għandhom il-vantaġġi komparattivi speċifiċi f'dan ir-rigward. L-UE se tkompli tipparteċipa b'mod attiv fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Irkupru Ekonomiku taħt il-Grupp ta' Ħbieb tal-Poplu Sirjan.

## 2. L-APPOĠĠ TAL-UE FIS-SIRJA U L-PAJJIŻI TAL-VIĊINAT

Il-kunflitt ħalla mill-inqas 6,8 miljun ruħ fi bżonn ta' għajnuna u 4,25 miljun persuna spustata internament. In-nuqqas ta' sigurtà u aċċess jibqa' l-akbar impediment għat-twassil tal-għajnuna. Minn tmiem l-2011 u b'rispons dirett lejn il-kriżi, il-baġit tal-UE ffinanzja azzjonijiet ġewwa u barra s-Sirja li ammontaw għal EUR 440 miljun (għajnuna umanitarja: EUR 265 miljun u għajnuna mhux umanitarja: EUR 175 miljun). Somma addizzjonali ta' EUR 413-il miljun diġà ġiet ipprovduta mill-Istati Membri tal-UE.

### 2.1. Fis-Sirja

<u>Assistenza umanitarja</u>

Fis-7 ta' Ġunju 2013, in-NU ħarġet appelli riveduti minn ġos-Sirja u l-pajjiżi ġirien, li jistmaw li 10 miljun Sirjan, nofs il-popolazzjoni tal-pajjiż, se jkollha bżonn għajnuna qabel tmiem is-sena u għamlet proposta ġdida għal sejħa għall-fondi ta' $4,4 biljun (EUR 3,3 biljun).

Filwaqt li s-sitwazzjoni tal-aċċess dejjem iktar diffiċli tista' tirrendi l-għajnuna umanitarja aktar u aktar diffiċli, din tobbliga lil aktar u aktar Sirjani jfittxu l-kenn f'pajjiżi ġirien. Fi ftit kliem, jekk l-aċċess ġos-Sirja jsir impossibbli, l-assistenza umanitarja tal-UE u dik internazzjonali jkollha tintefaq fuq nies li jiġu spostati bħala konsegwenza. Barra minn hekk, l-UE tinsab fil-proċess ta' ttestjar ta' kanali alternattivi tal-kunsinna fis-Sirja. Huwa mistenni li dawn se jespandu hekk kif il-pajjiżi ġirien isiru dejjem aktar iffokati fuq l-għajnuna umanitarja ffaċilitata fis-Sirja.

Dak li għamilna sa issa:

- Il-forniment ta' EUR 124 miljun għall-għajuna umanitarja mill-baġit tal-UE.
- Fis-Sirja l-iffinanzjar umanitarju tal-UE jappoġġja sokkors ta' emerġenza medika, protezzjoni, assistenza ta' nutrizzjoni u ikel, ilma, sanità u iġjene, kenn u servizzi loġistiċi. Lil hinn mill-fruntiera Sirjana, il-finanzjament jiżgura li n-nies li jaħarbu mill-pajjiż jirċievu l-assistenza għas-salvataġġ fir-rigward tas-saħħa, l-ikel u l-kenn, kits tal-iġene, ilma u servizzi sanitarji, u protezzjoni.
- Il-finanzjament umanitarju tal-UE jiġi allokat permezz tal-moviment tas-Salib l-Aħmar/il-moviment tan-Nofs Qamar l-Aħmar, permezz ta' diversi Organizzazzjonijiet Internazzjonali Mhux Governattivi u ta' aġenziji umanitarji tan-NU, inkluża l-UNHCR u dawk li l-mandat tagħhom jiffoka fuq il-protezzjoni u l-assistenza tat-tfal, bħal, pereżempju, l-UNICEF u Save the Children.
- Assistenza mhux finanzjarja ġiet provduta wkoll lit-Turkija u lill-Ġordan permezz tal-attivazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-UE, li wassal għall-konsenja ta' ambulanzi, kutri, ħiters u oġġetti oħra għal valur totali ta' EUR 1 miljun.
- Iċ-Ċentru għal Rispons ta' Emerġenza tal-UE mmobilizza timijiet ta' esperti fil-Ġordan u l-Libanu biex jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' assistenza għar-rifuġjati Sirjani. Dan sar b'kooperazzjoni mill-viċin ma' esperti umanitarji u mal-awtoritajiet lokali.

Dak li biħsiebna nagħmlu:

- Żieda fl-assistenza umanitarja b'EUR 250 miljun sabiex jintlaħaq total ta' EUR 515-il miljun kemm fis-Sirja kif ukoll fil-pajjiżi ġirien tagħha għall-bqija tal-2013.
- Il-forniment ta' aktar assistenza mhux finanzjarja u speċjalizzazzjoni permezz tal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili u r-Rispons ta' Emerġenza tal-UE.

*Assistenza ekonomika u għall-iżvilupp*

L-assistenza kurrenti pprovduta mill-baġit tal-UE tiffoka prinċipalment fuq l-għoti ta' appoġġ u l-bini tal-kapaċità għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u għall-attivisti żgħażagħ u fuq l-iżgurar ta' aċċess għal xi servizzi mhux umanitarji, bħall-edukazzjoni, appoġġ psikosoċjali jew appoġġ għall-ħajja. Il-Kummissjoni identifikat azzjonijiet ulterjuri f'dawn is-setturi mhux umanitarji li jistgħu jiġu ffinanzjati. Dawn jinkludu t-taħriġ professjonali, is-saħħa, l-appoġġ għal midja ħielsa u indipendenti, il-preżervazzjoni tal-wirt kulturali, il-promozzjoni tad-djalogu, il-preparazzjoni tat-tranżizzjoni u l-bini tal-kapaċità ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Sirjana (CSOs). Barra minn hekk, finanzjament ġdid (EUR 10 miljuni mill-Istrument għall-Istabbiltà) dan l-aħħar ġie approvat għar-reġjuni tat-Tramuntana tas-Sirja mill-Kummissjoni għal Xogħol bi Prova, flimkien mal-aġenziji tal-Istat Membri.

Fil-futur, il-livell tal-assistenza ekonomika u għall-iżvilupp li jista' jingħata fis-Sirja se jkun jiddependi direttament fuq l-evoluzzjoni politika u militari tal-kunflitt. Filwaqt li huwa essenzjali li jiġu kkonsolidati u mifruxa l-kanali tal-kunsinna sabiex jipprovdu aktar assistenza lill-popolazzjoni ċivili mill-aktar fis possibbli, l-isforzi tad-donaturi jistgħu jixxekklu b'mod sinifikanti jew saħansitra jitwaqqfu minħabba fl-ostilitajiet bejn il-partijiet konfliġġenti. Taħt iċ-ċirkostanzi preżenti, il-modalitajiet implimentattivi jibqgħu l-isfida ewlenija minħabba li huwa kruċjali li jsir monitoraġġ bir-reqqa fir-rigward ta' min qed jirċievi l-assistenza, billi din l-assistenza tista' tiġi użata ħażin biex aktar ikompli l-kunflitt.

Qed jiġu vvalutati għażliet differenti biex tiġi kkanalizzata aktar assistenza mhux umanitarja ekonomika u għall-iżvilupp, li jistgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni. Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13/14 ta' Diċembru 2012[1], qed jiġu esplorati kanali oħra ta' appoġġ għall-popolazzjoni Sirjana permezz ta' Kunsilli tal-Amministrazzjoni Lokali li ġew stabbiliti dan l-aħħar f'żoni taħt il-gwida tal-oppożizzjoni fit-Tramuntana tas-Sirja.

Dak li għamilna sa issa:

- Il-forniment ta' EUR 53 miljun għall-assistenza ekonomika u għall-iżvilupp mill-baġit tal-UE, inklużi l-eżempji ta' hawn taħt.
- It-tnedija ta' żewġ proġetti implimentati mill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti li għaddejjin fis-Sirja (EUR 10 miljun) li prinċipalment għandhom fil-mira lir-Rifuġjati tal-Palestina iżda li jappoġġaw ukoll lill-poplu Sirjan. L-ewwel proġett (EUR 7,3 miljun), għandu l-għan li jipprovdu ħiliet liż-żgħażagħ u li jiżgura s-sehem tagħhom fil-komunitajiet lokali tagħhom billi tingħatalhom l-opportunità li jibdew inizjattivi ta' żvilupp lokali li jgħinu biex itaffu l-impatt tal-kriżi. It-tieni proġett (EUR 2,7 miljun) jipprovdi assistenza soċjali lill-familji l-aktar vulnerabbli li ġew affettwati minn żidiet fil-prezzijiet tal-ikel u ta' servizzi bażiċi oħra b'konsegwenza tal-kriżi.
- Il-kollaborazzjoni mal-UNICEF (EUR 5,7 miljun) biex tgħin lil tfal vulnerabbli u spostati biex ikollhom aċċess għall-edukazzjoni fis-Sirja.
- L-implimentazzjoni ta' proġetti oħra permezz ta' Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi bl-għan li jibnu l-kapaċitajiet ta' atturi tas-soċjetà ċivili Sirjani biex jimplimentaw proġetti fuq skala żgħira fis-Sirja. L-appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem (għal dawk li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem, il-monitoraġġ tal-ksur ta' dawn id-drittijiet), u għas-settur tal-midja

[1] Is-sejħa "għall-ħidma fuq l-għażliet kollha għall-appoġġ u l-għajnuna lill-oppożizzjoni u biex jingħata aktar appoġġ għall-ħarsien ta' persuni ċivili".

qed jiġi pprovdut ukoll mill-Kummissjoni.

Dak li biħsiebna nagħmlu:

- Żieda fl-appoġġ diġà pprovdut biex jindirizza l-ħtiġijiet dejjem jikbru fis-Sirja, minbarra l-assistenza umanitarja mogħtija, u permezz tal-kanali potenzjali kollha.
- Il-fornment ta' aktar appoġġ lill-OMG għall-forniment ta' servizzi bażiċi li jinkludu s-saħħa, l-edukazzjoni, u l-appoġġ għal mezzi tax-xandir indipendenti.
- Il-forniment ta' appoġġ addizzjonali lin-NU għal servizzi bażiċi inklużi s-saħħa, l-edukazzjoni u l-ħarsien tal-wirt kulturali.
- Il-forniment ta' appoġġ lill-entitajiet tal-oppożizzjoni biex jikkoordinaw l-assistenza lill-popolazzjoni ċivili b'mod aktar effettiv. Assistenza lill-kunsilli lokali biex jerġgħu jiġu stabbiliti u miżmuma ċerti servizzi bażiċi essenzjali bħal pereżempju s-saħħa, l-enerġija elettrika, il-ġbir tal-iskart jew fatturi tal-produzzjoni agrikola.

## 2.2. Il-Libanu

Fl-ebda pajjiż ieħor ma huma qed jinfirxu r-riskji tal-kunflitt tas-Sirja lil hinn mill-fruntiera aktar milli fil-Libanu. Il-fruntiera tal-Libanu baqgħet miftuħa għal kollox għar-rifuġjati kollha, li issa jlaħħqu aktar minn 513 000. Il-pajjiż qiegħed jiffaċċja kriżi tar-rifuġjati drammatika, li attwalment tlaħħaq għal aktar minn 10 % tal-popolazzjoni Libaniża u li mistennija tiżdied għal 25 % sal-aħħar tas-sena. 70 % tar-rifuġjati huma nisa u tfal. L-awtoritajiet waħedhom mhumiex kapaċi jlaħħqu mal-kriżi li qed ikollha konsegwenzi umanitarji wiesgħa kif ukoll konsegwenzi politiċi, ta' sigurtà u konsegwenzi soċjoekonomiċi.

Dak li għamilna sa issa:

- Il-forniment ta' totali ta' EUR 113-il miljun għall-assistenza (kemm umanitarja kif ukoll mhux umanitarja) mill-baġit tal-UE.
- L-assistenza umanitarja tiffoka fuq ir-reġistrazzjoni tar-rifuġjati, attivitajiet tas-saħħa (inkluż kura tas-saħħa ta' emerġenza għal persuni midruba), assistenza alimentari, id-distribuzzjoni ta' oġġetti mhux tal-ikel (tined, saqqijiet, kutri, ħiters, eċċ.), il-forniment ta' kenn, tal-ilma u ta' attivitajiet sanitarji, assistenza legali u loġistika.
- It-tnedeija ta' diversi proġetti li jappoġġaw lill-UNHCR, lill-UNICEF, lill-UNWRA, lis-CSOs u lill-Gvern tal-Libanu — EUR 45 miljun biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet fuq perjodu ta' żmien medju u twil — li jinkludu l-appoġġ edukattiv u r-rikostruzzjoni u r-riabilitazzjoni — tar-rifuġjati Sirjani.

Dak li biħsiebna nagħmlu:

- Aktar żieda fl-assistenza umanitarja mis-somma addizzjonali ta' EUR 250 miljun. Porzjon mill-EUR 20 miljun se jiġi implimentat sal-aħħar ta' Lulju.
- It-tnedija ta' inizjattiva ta' EUR 40 miljun bil-ħsieb ta' appoġġ kontinwu għall-attivitajiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, tar-rikostruzzjoni u r-riabilitazzjoni, u biex tappoġġja l-isforzi ta' koordinazzjoni tal-gvern.
- Jintbagħat Espert Militari tal-UE fid-Delegazzjoni tal-UE biex jagħti pariri dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u jappoġġa l-Forzi Armati Libaniżi.
- Orjentazzjoni mill-ġdid tal-programmi għaddejja (sa total ta' EUR 75 miljun) fl-oqsma tal-edukazzjoni, ir-rikostruzzjoni u r-riabilitazzjoni kif ukoll għall-għajxien, biex iqisu wkoll il-konsegwenzi tal-krizi fis-Sirja.

Is-sitwazzjoni toħloq riskju akbar lil sitwazzjoni li diġà hija politikament u makroekomikament vulnerabbli. F'Jannar 2013, il-Gvern tal-Libanu u l-UNHCR stmaw l-ispiża totali annwali li jilqgħu r-rifuġjati għal aktar minn USD 700 miljun. Filwaqt li l-impatt tal-krizi fis-Sirja fuq l-attività ekonomika b'mod globali kien imħallat, huwa ċar li l-baġit Lebaniż se jintlaqat ħażin. Il-proposta attwali għal abbozz tal-baġit għall-2013 tipprevedi defiċit ta' USD 3,5 biljun.

Barra minn hekk, l-inċertezza politika kontinwa flimkien mal-polarizzazzjoni li qed tikber poġġiet il-politika uffiċjali ta' dissoċjazzjoni tal-Libanu f'riskju. Vjolenza settarja fit-Tramuntana tal-Libanu, kunflitti transfruntieri ħorox u vjolazzjonijiet ripetuti għall-integrità tat-territorju tal-Libanu qed ipoġġu l-pajjiż f'direzzjoni perikoluża.

Sa mill-bidu tal-kriżi, l-appoġġ tal-UE għal-Libanu jammonta għal EUR 113-il miljun. Madankollu, iż-żieda fid-deterjorament tas-sitwazzjoni titlob li jkun hemm rispons eċċezzjonali addizzjonali tal-UE li jinkludi miżuri fuq perjodu ta' żmien qasir u fit-tul biex jistabbilizzaw lil-Libanu. Huwa kruċjali li l-pajjiż jiġi mħares mill-isforzi ta' xi atturi lokali u reġjonali li qed jifirxu l-kunflitt Sirjan fuq art Lebaniża. Il-mitigazzjoni tal-kunflitt għandha tkun fil-qalba tar-rispons tal-UE. L-isforzi biex jiġi ffurmat gvern u li jibda negozju reali inkluża l-ġestjoni tal-fluss tar-rifuġjati għandhom jiġu appoġġjati sabiex jiġi evitat vakwu politiku dannuż. Il-posponiment tal-elezzjonijiet u l-estensjoni tal-mandat tal-Parlament bi 17-il xahar jirriskjaw li jesponu d-defiċit demokratiku tal-Libanu u t-twessigħ tal-polarizzazzjoni settarja.

It-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet Lebaniżi biex jindirizzaw il-kriżi, inkluż bl-appoġġ tal-infrastruttura soċjali, u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni interministerjali kif ukoll il-koordinazzjoni tad-donaturi għandhom ikunu segwiti fil-kuntest ta' pakkett ta' assistenza komprensiva li qed nimplimentaw. Fl-istess ħin, l-assistenza umanitarja se tkun teħtieġ li tiġi intensifikata biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet dejjem jikbru tal-popolazzjoni tar-rifuġjati. L-assistenza tal-UE qed tkun aġġustata mill-ġdid biex tiffoka fuq l-edukazzjoni u s-saħħa kif ukoll fuq il-gruppi vulnerabbli, inklużi r-rifuġjatii Palestinjani mis-Sirja. Il-possibbiltà li wieħed joħloq kampijiet tar-rifuġjatii li reċentement ixxandret mill-awtoritajiet Libaniżi għandha titqies ukoll, inklużi r-riskji ta' sigurtà inevitabbli li ġġib magħha. Huwa importanti li wieħed jesplora l-għażliet kollha fl-indirizzar tal-problemi tal-Libanu, inkluż l-involviment tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

Rispons komprensiv tal-UE għandu jinkludi wkoll l-appoġġ għall-forzi Armati Libaniżi (LAF). L-LAF hija pilastru ewlieni tal-apparat ta' sigurtà fil-Libanu iżda topera fin-nuqqas ta' strateġija ta' difiża militari/tal-gvern. L-LAF hi rrispettata u billi hija interkonfessjonali fl-istruttura, titqies bħala imparzjali u newtrali. Aktar djalogu u kooperazzjoni huma meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-LAF bħala fornitur imparzjali tas-sigurtà fil-Libanu.

### 2.3. Il-Ġordan

Minkejja li qed issir aktar diffiċli s-sitwazzjoni makroekonomika, il-Ġordan kellu rwol vitali fil-forniment ta' appoġġ fl-għadd li dejjem jiżdied ta' rifuġjatii li qed jaħarbu l-atroċitajiet ('il fuq minn 472 000 irreġistrati jew fil-proċess li jiġu rreġistrati mal-UNHCR sal-bidu ta' Ġunju).

Dak li għamilna sa issa:

- Il-forniment ta' EUR 87 miljun għall-assistenza (kemm umanitarji kif ukoll mhux umanitarja) mill-baġit tal-UE.
- L-assistenza umanitarja tiffoka fuq attivitajiet tas-saħħa (inkluża l-kura tas-saħħa ta' emerġenza għal persuni midruba fil-gwerra), assistenza alimentari, id-distribuzzjoni ta' oġġetti mhux tal-ikel (tined, saqqijiet, kutri, ħiters, eċċ.), il-forniment ta' kenn, tal-ilma u ta' attivitajiet ta' sanità, attivitajiet psikosoċjali u protezzjoni.
- It-tnedija ta' diversi proġetti li jappoġġaw lill-UNICEF u l-UNESCO — EUR 20,9 miljun biex jipprovdu aċċess għall-edukazzjoni formali u informali u għal servizzi oħra għal Sirjani vulnerabbli, b'mod partikolari għat-tfal, kif ukoll għall-komunitajiet ospitanti.

Dak li biħsiebna nagħmlu:

- Aktar żieda fl-assistenza umanitarja mis-somma addizzjonali ta' EUR 250 miljun. Porzjon ta' EUR 20 miljun se jiġi implimentat sal-aħħar ta' Lulju.
- Żieda fl-appoġġ għal komunitajiet ospitanti fit-Tramuntana tal-Ġordan u l-provvediment ta' tmexxija fil-koordinazzjoni tal-assistenza internazzjonali għal dawn il-komunitajiet.
- Il-forniment ta' EUR 25 miljun għall-assistenza ekonomika u għall-iżvilupp — EUR 20,4 miljun f'appoġġ baġitarju lill-awtoritajiet Ġordaniżi biex jassistu bl-ispiża li tipprovdi l-edukazzjoni lit-tfal rifuġjati Sirjani fi bliet u rħula tal-Ġordan partikolarment milquta mill-kriżi tar-rifuġjati u ammont ieħor ta' EUR 4,6 miljun lill-UNICEF. Il-mobilizzazzjoni ta' porzjon ieħor mill-EUR 25 miljun fit-tieni stadju.

Il-gvern, sa issa, ibbaża fuq l-istimi tal-ispejjeż għall-2013 fuq għadd totali ta' 660 000 rifuġjat. L-estimi huma li l-ispiża totali ta' appoġġ għal dan l-għadd ta' rifuġjatii għall-baġit tal-gvern u għall-organizzazzjonijiet internazzjonali se tilħaq USD 1,4 biljun.

Il-Ġordan iffaċċja kundizzjonijiet ekonomiċi li qegħdin imorru għall-agħar mill-2011 minħabba t-taqlib reġjonali u l-ambjent ekonomiku globali u reġjonali dgħajjef. Minn mindu faqqa' l-kunflitt fis-Sirja, il-kost tal-ospitalità tar-rifuġjati Sirjani huwa stmat li qabeż is-EUR 600 miljun (madwar 3 % tal-PDG). Taħt il-pressjoni ta' tnaqqis qawwi ta' riżervi internazzjonali fl-ewwel nofs tal-2012, l-awtoritajiet tal-Ġordan ftiehmu fuq USD 2 biljun, arranġament ta' 36 xahar Stand-By mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI).

Mill-bidu tal-kriżi, l-appoġġ tal-UE lill-Ġordan jammonta għal EUR 87 miljun. Hemm ħtieġa ċara għal aktar appoġġ. Lil hinn mill-għajnuna umanitarja addizzjonali indispensabbli mill-baġit tal-UE stmat bejn EUR 50-75 miljun, ir-rispons tal-UE għat-talba tal-Ġordan għall-għajnuna għandu jkun notevolment ipprovdut bl-appoġġ baġitarju settorjali permezz ta' żieda fuq programmi eżistenti, speċjalment fil-qasam tal-edukazzjoni.

Barra minn hekk, il-Kunsill u l-Parlament qed jiġu mħeġġa ferm biex jieħdu deċiżjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex jingħataw EUR 180 miljun għall-Assistenza Makrofinanzjarja lill-Ġordan, li se jikkontribwixxu wkoll biex itaffu l-problemi ekonomiċi tal-Ġordan.

### 2.4. It-Turkija

Sa mill-bidu tal-kriżi, it-Turkija laqgħet fis-17-il ċentru ta' akkoljenza tagħha aktar minn 380 000 rifuġjat Sirjan, minbarra ħafna oħrajn (370 000 skont xi stimi) li daħlu fit-territorju Tork mingħajr ma ġew reġistrati minnufih fil-kampijiet u li attwalment qed joqogħdu f'diversi bliet fil-pajjiż. L-UNHCR issuġġeriet li sa miljun rifuġjat jistgħu jkunu preżenti fit-Turkija sa

tmiem l-2013. It-Turkija ħabbret il-kostruzzjoni ta' 5 kampijiet ġodda b'total ta' kapaċità addizzjonali ta' 60 000, li wieħed minnhom se jkun qed jospita s-Sirjaki (Kristjani). L-awtoritajiet Torok għandhom il-mertu li offrew ċentri ta' akkoljenza ta' kwalità għolja u qed jipprovdu assistenza umanitarja adegwata.

It-Turkija kienet meħtieġa ġġorr piż finanzjarju sinifikanti ta' madwar EUR 600 miljun sal-lum, bi ftit appoġġ mill-komunità internazzjonali. L-UE wiegħdet pakkett globali ta' EUR 27 miljun, notevolment biex tagħti appoġġ lill-UNHCR u lill-organizzazzjonijiet u l-komunitajiet lokali biex ilaħħqu mar-rifuġjati. L-awtoritajiet kellhom jittrattaw ma' pressjonijiet u tensjonijiet li dejjem jiżdiedu fil-komunità lokali tagħhom (li jikkonċernaw, fost oħrajn, aċċess għas-servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni). Dawn it-tensjonijiet jistgħu jiżdiedu wara d-dħul fis-seħħ tal-Liġi l-ġdida dwar il-Barranin u l-Protezzjoni Internazzjonali, li għandha eventwalment tiftaħ it-triq għar-rifuġjati biex ifittxu x-xogħol fis-suq miftuħ. Barra minn hekk, u b'mod partikolari wara l-attakk bil-bombi f'Reyhanli fin-Nofsinhar tal-Provinċja ta' Hatay fejn aktar minn 50 ruħ inqatlu, il-popolazzjoni Torka inġenerali tinsab imħassba dwar l-esponiment tat-Turkija għall-kriżi tas-Sirja. Jekk it-Turkija tirreġistra u tagħti aċċess lill-OMG internazzjonali tista' tippermetti li aktar riżorsi jilħquha.

### 2.5. L-Iraq

Sal-bidu ta' Ġunju, l-Iraq laqa' madwar 158 000 rifuġjat, il-maġġoranza tagħhom fit-tramuntana tal-pajjiż (ir-Reġjun tal-Kurdistan). Ir-rispons ta' emerġenza għal ħtiġijiet umanitarji tar-rifuġjati bħalissa huwa maniġġabbli bl-għoti ta' appoġġ mill-Ministeru tal-Iraq għall-Migrazzjoni u l-Ispostament f'kollaborazzjoni mal-UNHCR u ma' aġenziji oħra tan-NU. Il-fruntiera tal-Iraq fil-Gvernorat ta' Anbar kienet magħluqa l-parti l-kbira tal-ħin u għadd limitat ta' persuni jitħallew jaqsmu kuljum. Il-punt ewlenin fil-fruntiera bejn is-Sirja u r-reġjun Kurd tal-Iraq jinsab magħluq minn Mejju 2013.

L-Iraq ilu jħabbat wiċċu ma' kriżi politika serja. It-tensjonijiet settarji qed jiżdiedu, u din hija kawża ta' tħassib f'pajjiż fejn il-ħajja politika hija bbażata fuq bilanċ etno/settarju fraġli. Il-proċess politiku ta' wara l-2003 fl-Iraq jinsab f'riskju li jisfaxxa.

Il-qagħda interna hija aggravata minħabba effetti konsegwenzjali serji ta' politika u ta' sigurtà mill-krizi fis-Sirja. Hemm rabtiet ikkonfermati bejn Al Qaeda fl-Iraq — responsabbli għall-biċċa l-kbira tal-attakki terroristiċi — u l-elementi radikali fis-Sirja, notevolment f'Jabhat al-Nusra.

Min-naħa l-oħra, l-eskalazzjoni eventwali ta' kriżi fl-Iraq, pajjiż li reġa' deher bħala l-front tad-diviżjoni bejn id-dinjiet tax-Xiiti u s-Sunni, jaf ikollha riperkussjonijiet serji fir-reġjun. L-UE għandha għalhekk issaħħaħ il-kuntatti tagħha mal-awtoritajiet Iraqini u mar-rappreżentanti mill-partiti politiċi kollha sabiex jipprovdu appoġġ għal kwalunkwe inizjattiva lokali li twassal għal aktar stabbilità.

## 3. KONKLUŻJONIJIET

Il-qagħda fis-Sirja hija l-aktar qagħda umanitarja drammatika li d-dinja qed tiffaċċja fil-preżent. L-UE għandha d-dmir morali u umanitarju li tgħin lin-nies fil-bżonn. Din hija r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli impenjaw ruħhom biex jimmobilizzaw pakkett ta' għajnuna sinifikanti. Il-Kummissjoni se talloka ammont addizzjonali ta' EUR 400 miljun mill-baġit ta' din is-sena għall-ħtiġijiet umanitarji, ekonomiċi u ta' żvilupp fis-Sirja u r-reġjuni ġirien, partikolarment il-Ġordan u l-Libanu, ammont li jwassal għall-kontribut globali mill-UE ta' aktar minn EUR 1,25 biljun sa issa.

Madanakollu, is-severità tal-kriżi u t-tbatija tal-bniedem fis-Sirja u fil-pajjiżi ġirien ma jistgħux jissolvew bi flus żejda biss. Għaldaqstant huwa kruċjali li tinstab soluzzjoni politika dejjiema malajr, li tiggarantixxi l-waqfien tal-vjolenza u li twassal għal gvern ta' tranżizzjoni inklużiv. Dan jista' jintlaħaq biss permezz ta' djalogu. Il-fatt li l-UE tagħti sehemha biex tintlaħaq soluzzjoni politika jinsab fil-qalba tal-azzjoni tal-UE u jsaħħaħ l-approċċ komprensiv ippreżentat f'din il-Komunikazzjoni konġunta.

L-appoġġ politiku u finanzjarju tal-UE huwa kemm immedjat kif ukoll għat-tul. Din il-Komunikazzjoni tenfasizza d-determinazzjoni tal-UE biex tappoġġa lil dawk li jaspiraw għall-paċi u d-demokrazija fir-reġjun u biex tittaffa t-tbatija u l-miżerja kkawżati minn dan il-kunflitt. L-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tagħti kontribut deċiżiv billi tiġbor flimkien l-istrumenti u l-politiki li għandha għad-dispożizzjoni tagħha. Fl-istess ħin, minħabba l-instabilità reġjonali li qed tiżdied u l-ħtiġijiet umanitarji li qed jikbru, din il-Komunikazzjoni hija wkoll sejħa għal donaturi oħra biex jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jirrispondu għall-kriżi.

Anness 1

Finanzjament totali tal-UE b'rispons għal kriżi tas-Sirja (mill-11/06/13)

| **Tipi ta' Assistenza** | **Assistenza diġà pprovduta** | | | | | | **Total** | **Assistenza addizzjonali** | **TOTAL GLOBALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Is-Sirja** | **Il-Ġordan** | **Il-Libanu** | **It-Turkija** | **L-Iraq** | **Reġjonali** | | | |
| **Assistenza umanitarja tal-UE** | 124 | 63 | 66 | 6 | 6 | 0 | 265 | 400 | 840 |
| **Assistenza mhux umanitarja tal-UE (ekonomika, għall-iżvilupp u assistenza għall-istabilizzazzjoni)** | 53 | 24 | 48 | 22 | 7 | 21 | 175 | | |
| **TOTAL GLOBALI tal-Baġit tal-UE** | **178** | **87** | **113** | **27** | **14** | **21** | **440** | **400** | **840** |
| Perċentwal | **40 %** | **20 %** | **26 %** | **6 %** | **3 %** | **5 %** | | | |
| **Kontribuzzjoni tal-Istati Membri tal-UE (assistenza umanitarja)** | | | | | | | 413 | | 413 |
| **TOTAL GLOBALI tal-UE (baġit tal-UE + l-Istati Membri)** | | | | | | | **853** | **400** | **1 253** |

Anness 2

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA GĦAL PROPOSTI

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1 Titolu tal-proposta/inizjattiva

Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u ta' Sigurtà: "Lejn strateġija komprensiva tal-UE għall-kriżi Sirjana"

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[2]

Relazzjonijiet Esterni

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[3]

X Il-proposta/inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Għanijiet

*1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni li lejhom hija diretta l-proposta/l-inizjattiva*

L-Ewropa fid-Dinja: nagħmlu l-preżenza tagħna tinħass fix-xena globali

*1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività/ajiet tal-ABM/ABB kkonċernata/i*

<u>L-attività/attivitajiet tal-ABM/ABB ikkonċernata/ikkonċernati:</u>

19.08 Il-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-relazzjonijiet mar-Russja

23.02 Għajnuna Umanitarja

<u>Għanijiet speċifiċi li jirrigwardaw l-attività ABM — 19.08</u>

1. Inseddqu l-kundizzjonijiet għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-ġirien tagħha u għall-integrazzjoni reġjonali u multilaterali;

2. Nappoġġjaw ir-riformi ekonomiċi u settorjali tal-ġirien tal-UE, u nippromwovu aktar integrazzjoni mal-UE u fost il-pajjiżi ġirien infushom;

3. Nippromwovu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u sehem fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti fil-viċinat tal-UE.

<u>Għanijiet speċifiċi li jirrigwardaw l-attività ABM — 23.02</u>

[2] ABM: Ġestjoni Abbażi tal-Attivitajiet – ABB: Baġitjar Abbażi tal-Attivitajiet.

[3] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

| |
|---|
| 1. Niżguraw provvediment rapidu, effettiv u bbażat fuq il-ħtiġijiet ta' assistenza umanitarja u għajnuna ta' sokkors tal-UE lil persuni affaċċati bil-konsegwenzi immedjati tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem u nipprovdu assistenza lill-vittmi ta' kriżijiet imtawla. |

### 1.5. Durata u impatt finanzjarju

X Proposta/inizjattiva ta' **perjodu limitat**

– x Proposta/inizjattiva fis-seħħ fl-2013

– x Impatt finanzjarju fl-2013

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata mingħajr limitu**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-YYYY sal-YYYY,

– segwita minn operazzjoni sħiħa.

### 1.6. Il-mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i) għall-baġit 2013[4]

x **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

x **Ġestjoni ċentralizzata indiretta** mad-delegazzjoni ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– x aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[5]

– x korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku

– x persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

x **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

x **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

| |
|---|
| Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar kif stabbiliti fil-bażijiet legali rilevanti se jiġu applikati. |

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)*

| |
|---|
| 1) In-nuqqas ta' stabbiltà politika u amministrattiva f'pajjiżi sħab jista' jwassal għal diffikultajiet fit-tfassil ta' programmi, dewmien fir-rimborż ta' fondi u telf fl-effettività;<br>2) In-nuqqas ta' ċirkolazzjoni ta' informazzjoni jista' jtellef ir-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet problematiċi marbuta mal-ġestjoni tal-għajnuna. |

4 Dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit elettroniku BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

5 Kif inhu msemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

*2.2.2. Metodu(i) ta' kontroll previst(i)*

Il-metodi ta' kontroll previsti jikkonformaw mal-istandards tal-kontroll intern tal-Kummissjoni kif stipulat fil-Pjanijiet ta' ġestjoni tas-servizzi rilevanti.

Fil-qasam tal-għajnuna umanitarja, hemm sistema effettiva ta' kontroll ibbażata fuq l-użu ta' esperti esterni li jwettqu valutazzjonijiet *ex-ante* tal-proġetti u l-monitoraġġ, kif ukoll evalwazzjonijiet. Il-proġetti umanitarji huma suġġetti għal verifika esterna.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.*

Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u l-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolaritajiet jiffurmaw parti integrali tal-bażijiet ġuridiċi rilevanti. Il-monitoraġġ amministrattiv ta' kuntratti u ta' pagamenti huwa r-responsabbiltà tal-Uffiċjal Awtorizzanti rilevanti, filwaqt li għall-għajnuna umanitarja r-responsabbiltà taqa' fuq il-Kwartieri Ġenerali megħjuna minn esperti tal-ECHO f'dan il-qasam. Se tingħata attenzjoni partikolari lin-natura tan-nefqa (l-eliġibbiltà tan-nefqa), lir-rispett tal-baġits (nefqa attwali) u li jiġu vverifikati informazzjoni ta' appoġġ u dokumentazzjoni rilevanti (evidenza ta' nefqa).

# 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

## 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

- Linji tal-baġit tan-nefqa eżistenti

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja tal-baġit | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Deskrizzjoni………………………...…….…] | AD/AMD (6) | mill-pajjiżi tal-EFTA[7] | mill-pajjiżi kandidati[8] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 23.02.01 | HUMA- Għajnuna umanitarja | AD | LE | LE | LE | LE |
| 19.08.01 | ENPI — Kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi tal-Mediterran | AD | LE | LE | LE | LE |
| 19.04.01 | EIDHR - Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem | AD | LE | LE | LE | LE |

6 AD= Approprjazzjonijiet Differenzjati / AMD= Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati
7 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles
8 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa ta' EUR miljuni (sa 3 punti deċimali)

*Sommarju*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | **Impatt Stmat fuq in-Nefqa** | | |
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | **Intestatura 4 – Relazzjonijiet Esterni** | | |
| | | | **2013** | **2014** |
| **Approprjazzjonijiet Operazzjonali** | | | | |
| | | | | |
| **23.02.01 - Assistenza Umanitarja** | Impenji | (1) | 250 000 | - |
| | Pagamenti | (2) | 140 000 | 110 000 |
| | | | | |
| | | | | |
| **19.08.01 - Kooperazzjoni Finanzjarja ENPI mal-pajjiżi Mediterranji** | Impenji | (3) | 145 000 | - |
| | Pagamenti | (4) | 75 400 | 69 600 |
| | | | | |
| **19.04.01 - EIDHR - Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem** | Impenji | (5) | 5 000 | - |
| | Pagamenti | (6) | 2 600 | 2 400 |
| | | | | |
| | | | | |
| **Approprjazzjonijiet Operazzjonali Totali** | Impenji | (1+3+5) | 400 000 | - |
| | Pagamenti | (2+4+6) | 218 000 | 182 000 |
| | | | | |
| **Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett finanzjarju għal programmi speċifiċi** | | | - | - |
| | | | | |
| **Approprjazzjonijiet totali** | Impenji | (1+3+5) | 400 000 | - |
| | Pagamenti | (2+4+6) | 218 000 | 182 000 |

*3.2.1. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.1.1. Sommarju

– X Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi addizzjonali

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

3.2.1.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– X Il-proposta/inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta' riżorsi umani addizzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat iktar 'l isfel:

*3.2.3. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– X Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– X Il-proposta/l-inizjattiva se tinvolvi r-riprogrammazzjoni tal-intestatura relevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Il-finanzjament addizzjonali għall-attivitajiet identifikati f'din id-dikjarazzjoni se jkun iffinanzjat totalment permezz tal-programmazzjoni u l-iskjerament mill-ġdid tal-pakketti finanzjarji tal-istrumenti tar-relazzjonijiet esterni li huma parti mill-Intestatura 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali, notevolment għall-benefiċċju ta' HUMA u ENPI fl-2013.

L-ammont addizzjonali ta' EUR 400 miljun se jiġi minn diversi strumenti dwar ir-relazzjonijiet esterni tal-Intestatura 4 kif deskritt fit-tabella ta' hawn taħt.

**Riassenjazzjoni u programmar mill-ġdid tal-fondi għall-kriżi tas-Sirja mill-baġit tal-2013**

| Strument | Kapitolu tal-Baġit | Impenji għal transferiment potenzjali lil HUMA 23 02 (f'miljuni ta' EUR ) | *Pagamenti għal trasferiment potenzjali lil HUMA 23 02 (f'miljuni ta' EUR) 2013* | | Impenji mhux Umanitarji (f'miljuni ta' EUR ) | Pagamenti mhux Umanitarji (f'miljuni ta' EUR) 2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ENPI | 19 08 | 30 | *30* | | 145 | 75.4 |
| EIDHR | 19 04 | | | | 5 | 2.6 |
| DCI | 19 10, 19 09 | 40 | *40* | | | |
| INSC | 19 06 | 25 | *15* | | | |
| IFS | 19 06 | 15 | | | | |
| CFSP | 19 03 | 40 | | | | |
| MFA | 01 03 | 25 | *15* | | | |
| HUMA | 23 02 | 2.3 | | | | |
| Protezzjoni Ċivili | 23 03 06 | 2.7 | 3 | | | |
| EAR | 40 02 | 70 | *37* | | | |
| TOTAL | | 250 | *140* | | 150 | *78* |

– ☐ Il-proposta/inizjattiva tirrekjedi l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà[9].

3.2.4. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– X Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprovdi l-ebda kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

## 3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

– X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq id-dħul mixxellanju

9 Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

f’miljuni ta' EUR (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

| Linja tad-dħul tal-baġit: | Approprjazzjonijiet disponibbli għall-eżerċizzju tal-baġit li għaddej | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[10] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | ...daħħal il-kolonni kollha li jkunu meħtieġa biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul assenjat mixxellanju, speċifika l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Speċifika l-metodu tal-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[…]

[10] Fir-rigward ta’ riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara tnaqqis ta’ 25 % tal-ispejjeż tal-ġbir.